MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 825/2011

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Sanuwo Morre [K.I. Nru. 54207A]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija wiehed u tletin euro u sitta u tletin centezmu ta' euro (€631.36) liema ammont jirrapprezenta ammont dovut lis-socjeta attrici mill-konvenut in konnessjoni ma diversi servizzi (AC 40138432).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li

nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta' Frar, 2012, nhar is-16 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-16 ta' Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokumenti A (prospett tal-kont numru AC40138432), B (kuntratt), C (Estratt mir-Registru Elettorali) u D (traduzzjoni tat-talba).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija wiehed u tletin euro u sitta u tletin centezmu ta' euro (€631.36), bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

Avukat Dr. Vincent Galea
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------